# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

Nru. 4 JANNAR—FRAR 1982


## *EDITORJAL.....*

### X'TOFFRILNA S-SENA L-ĠDIDA?

Is-sena 1981 intemmet u ntilfet fil-baħħ tal-passat. U sena ġdida feġġet fuqna, sena li ġabet magħha mistoqsijiet mill-iżjed diffiċli dwar x'se tkun għalina din is-sena 1982. Min jaf ixxerridx fuqna ferħ li jhenni, jew inkella ddellel fuqna bin-niket u bl-hemm? Minn jaf tkunx sena ta' ġid u progress, jew inkella sena ta' telqa u bruda li tħeddel u tmarrad?

Jidhru tqal dawn il-mistoqsijiet, u aħna naħsbu li t-tweġiba għalihom hija moħbija minn *star* oħxon tal-futur. Biss għan-nisrani, s-sena li bdejna tkun tajba jew ħażina skond kif jagħmilha huwa stess. Tiddependi minnu. Mill-mod kif kapaċi jadatta ruħu għassitwazzjonijiet kollha li jiltaqa' magħhom. F'kelma waħda: **Is-sena 1982 tiddependi minnek.**

*X'jeħtieġ sabiex tkun għalik sena tajba?*
*Tagħmilha sena tajba, jekk inti tkun:*

* **OTTIMIST:** u ma tħallix lill-kurrent tal-ikreh u tal-biża jkaxkrek miegħu; iżda żżomm dejjem quddiem għajnejk, li wara kull sħaba sewda hemm ix-xemx li ddawwal u tferraħ.
* **Attiv:** u ma tħallix l-għass jew il-passività jagħmlu bik, u torbot idejk u tħalli kollox għaddej għal riħu, iżda tmidd għonqok u xxammar il-kmiem f'kull okkażżjoni li titfaċċa quddiemek.
* **Nisrani Matur:** li tifhem x'irid Alla minnek fi ħdan il-komunità parrokkjali tiegħek, biex tikber fiha u tgħin lilha tikber spiritwalment.

B'hekk is-sena 1982 ikollha tifsira speċjali għalik, u fit-tmiem tagħha, meta tieqaf tħares ftit lejn it-365 jum tagħha, jkollok is-sodisfazzjon tgħid: kienet sena li għenitni nifraħ u nibki, naħdem u nistrieħ, nikber u nitgħallem.

***Il-Bord Editorjali ta' din ir-Rivista flimkien ma' Mons. Arċipriet jixtiequ jwasslu l-isbaħ xewqat għas-sena 1982 lill-qarrejja kollha***

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377



## NILTAQGĦU NHAR

**JANNAR 1982**

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa 1 ta' Jannar** | Solennità ta' l-Imqaddsa Marija Omm<br>Festa Kmandata. |
| **Is-Sibt 2 ta' Jannar** | L-Ewwel Sibt tax-Xahar |
| **Il-Ħadd 3 ta' Jannar** | Solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej |
| **L-Erbgħa 6 ta' Jannar** | Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m. |
| **Il-Ħadd 10 ta' Jannar** | Il-Magħmudija tal-Mulej |
| **It-Tnejn 25 ta' Jannar** | Festa tal-Konversjoni ta' San Pawl Missierna. |

**FRAR 1982**

| | |
|---|---|
| **It-Tlieta 2 ta' Frar** | Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej Fis-6.00p.m. Funzjoni tat-tberik tax-xama u Konċelebrazzjoni Solenni. |
| **L-Erbgħa 3 ta' Frar** | Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m. |
| **Il-Ġimgħa 5 ta' Frar** | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar |
| **Is-Sibt 6 ta' Frar** | L-Ewwel Sibt tax-Xahar |
| **L-Erbgħa 10 ta' Frar** | **Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl Missierna. Obbligu tal-Quddies.** |
| **Il-Ħamis 11 ta' Frar** | L-Ewwel dehra tal-Madonna ta' Lourdes |
| **Il-Ħadd 14 ta' Frar** | Festa tal-Madonna ta' Lourdes |
| **L-Erbgħa 24 ta' Frar** | **Bidu tar-Randan Imqaddes. Sawm u Astinenza. Fis-6.00 Funzjoni tar-Rmied u Konċelebrazzjoni.** |
| **Il-Ħadd 28 ta' Frar** | L-Ewwel Ħadd tar-Randan. Fl-4.00 p.m. quddiesa tal-Kwaresimal. |



## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

| | |
|---|---|
| **7.10.81** | Francesca Spiteri |
| **19.10.81** | Salvatore Cassar |
| **26.10.81** | Jimmy Cassar |
| **28.10.81** | Teresa Agius |
| **17.11.81** | Carmelina Said |
| **23.11.81** | Marija Cutajar |
| **1.12.81** | Mons. Michael Cefai Vigarju Ġenerali |



## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| **3.10.81** | JOLENE, bint Joseph Vella u Josephine neè Pisani |
| **4.10.81** | EDDIE, iben Emmanuel Sacco u Myriam neè Camilleri |
| **7.11.81** | EDDIE-GEORGE, iben Gorg Attard u Carmela neè Borg |
| **19.11.81** | JACQUELINE, bint Anthony Zammit u Giacinta Lucia neè Bezzina |
| **21.11.81** | SONYA, bint George Cauchi u Maria Assunta neè Borg. |
| **21.11.81** | FELIX, iben Michael Xerri u Gina neè Sillato. |



## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

| | |
|---|---|
| **4.10.81** | Kittie Portelli ma' Anthony Spiteri. |
| **24.10.81** | Carmen Mizzi ma' Joseph Piscopo. |

**FOR ALL SORTS OF SPIRTS SHOP AT**

**THE BOTTLE BANK**

*WINE AND SPIRITS CELLARS*

**24, MAIN SQUARE, VICTORIA, GOZO.**

**MEJLAK JEWELLERY**

*24, Republic Street, Victoria. Tel: 551303*

***FOR GOLD, SILVER, WATCHES & GEMS AT THEIR REAL VALUE***

**AN OLD NAME IN THE TRADE**

**A.F. ELLIS LTD.**

**4, Għajn Qatet Str., Victoria, Gozo.**

Marblers - Floor Tiles Manufacturers, Suppliers of Domestic Appliances, Bathroom Suites & All Building Materials.

***Tel: GOZO 556021, 556630 MALTA 42314.***

## X'QALULNA DWAR IR-RIVISTA

***J.W.Psaila (Victoria)*** — Il-Parroċċa hija l-ħolqa li tgħaqqad lil kull nisrani ma' ħutu l-oħra, lil kull familja mal-familji l-oħra ta' l-istess żona, raħal, belt; tgħaqqadhom bejniethom u mal-parroċċi l-oħra tad-djoċesi u mbagħad mal-Knisja universali. Inqis ir-Rivista "Il-Belt Victoria" fi ħdan il-parroċċa ta' San Ġorġ bħala wieħed mill-mezzi biex titkattar din l-għaqda. Mill-ewwel żewġ ħarġiet tagħha, din ir-Rivista, nisslet fija tama li hi tista' tagħti kontribut siewi biex il-poplu tal-belt Victoria jilħaq maturità nisranija u jagħraf dejjem iżjed il-valuri ewlenin tat-twemmin nisrani. Dan ġa bdiet tagħmlu.

***N.N. (Nadur)*** - Kont qed naqra r-Rivista "Il-Belt Victoria" u ġie ħdejja ħabib li wara l taħa daqqa t'għajn qalli *"Din ir-rivista għall-kbar bla ma tinsa liż-żgħar...b'doża reliġjuża bla ma tipprova tkun ekklesjastika'.* U nħoss li l-kumment ta' ħabibi joqgħod ħafna għax veru r-rivista taħseb f'kulħadd. Id-djarju tal-parroċċa jagħtik ċans tipprogramma ħajtek b'mod li tkun tista' tattendi għall-attivitajiet li jiġu organizzati, it-tagħrif storiku hu eżatt, bla kliem żejjed jew tekniku, kull ħarġa jkun fiha artiklu ta' interess ġenerali, il-qaddis tax-xahar inissel xewqa għall-qdusija u l-*'fillers'* jagħtu messaġġi qawwija fi ftit kliem. Minn qiegħ qalbi nifraħ lid-direzzjoni u ngħidilhom *'Keep it up'*.

***J. Camilleri (Victoria)*** — Din ir-rivista mliet vojt, u għamlet ħolqa bejn il-knisja u l-komunità parrokkjali. Għandha l-istess siwi tal-gazzetta ta' kuljum — għalkemm f'daqs u f'motivi aktar ristretti. Tgħarraf lin-nies tal-parroċċa b'dak kollu li jkun jiġri fil-komunità biex bħala familja waqda naqsmu l-ferħ u n-niket li jmissu minn waqt għall-ieħor lil uħud minnha. Permezz ta' din ir-rivista kulħadd iħoss li hemm xi jgħaqqdu ma' ħutu ta' l-istess parroċċa. It-tqassim qiegħed tajjeb u jolqot l-għajn: Prosit lill-istampaturi għall-istampar ċar, sabiħ u nadif.

***N.N. (Xewkija)*** — Ġiet f'idejja r-rivista 'Il-Belt Victoria' maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Jidhirli li mill-ewwel żewġ ħarġiet it-tliet finijiet tagħha ta' ħolqa, formazzjoni u informazzjoni ġew milħuqa. Laqtitni b'mod speċjali n-nota tal-bord editorjali li "ma jiġux aċċettati kitbiet ta' xejra politika jew oħrajn li jistgħu jagħtu lok għal xi polemika". Jidhirli li dan juri sens kbir ta' maturità nissranija li tfittex biss dak li jgħaqqad u mhux dak li jifred, dak li jibni u mhux dak li jħott, dak li jispira fiduċja u mhux dak li jaqta' il-qalb. Prosit u komplu hekk: b'materjal siewi, preżentazzjoni adattata u atteġġjament tassew nisrani.

***Saċerdot (Victoria)*** — L-aħjar bulettin ta' informazzjoni u formazzjoni għall-poplu tagħna. Ir-rokna tat-tfal hija ħaġa importanti ħafna, u s'issa ftit materjal ta' din ix-xorta ta każ taż-żgħar. Tajjeb tibda tibni mill-qiegħ. Jeħtieġu forsi ftit iktar informazzjonijiet fuq attivitajiet pastorali fil-parroċċa. Evitaw artikli twal u ta' nies barranin. Li tberraħ it-talent lokali, ġa huwa progress kbir.

Tajjeb li l-Editorjal itambar fuq punti li jkunu kruċjali fil-ħajja parrokkjali u li jkunu ġew diskussi f'kumitati oħra. Nawguraw li jibqa' fih dak l-istil mexxej u popolari bla ma jdejjaq lil ħadd.



## IL-KOR TAT-TFAL FUQ IT-TELEVISION

*Kien unur kbir għall-kor tat-tfal tal-Parroċċa tagħna "LAUDATE PUERI" u għalina lkoll li lejlet il-Miliet rajnihom jagħtu kunċert ta' għanjiet tal-Milied fuq it-television ta' Malta. Il-kor taħt id-direzzjoni tad-Djak. George Frendo kanta diversi għanjiet 'a 4 voci'. Il-kor kanta għanjiet bl-Ingliż, bil-Malti, bil-Latin u anke bil-Ġermaniż. Ta' min isemmi l-'Pastorale', ġentilment mgħotija lil kor minn Mons G. Debrincat u li ġie adattat kliem bil-malti għaliha. Aħna ċerti li l-livell milħuq mill-kor tat-tfal tagħna huwa wieħed li ma tistenniehx u dan sar bil-għajnuna u s-sagrifiċċi tal-mexxejja tiegħu, kif ukoll mid-determinazzjoni li għandhom it-tfal tagħna. Prosit tassew u nawgurawlhom iktar suċċessi l-quddiem.*

**JIKTBILNA**
**DR. OLIVER FRIGGIERI**

# SEHEM GĦAWDEX FIL-KULTURA NAZZJONALI

Għal bosta Maltin Għawdex donnu m'hu xejn aktar minn belt raħlija ħelwa, ħiemda u nieqsa mill-folol taċ-ċentri Maltin, fejn huma jistgħu jmorru minn żmien għal ieħor biex iqattgħu perijodu ta' mistrieħ. Tul is-sajf ftit huma dawk li ma jaqblux li, għallinqas minn barra, Għawdex jitlef il-bixra vera tiegħu u jsir għal ftit xhur ħaġa waħda ma' Malta. L-Għawdxin infushom, min-naħa l-oħra, forsi huma rassenjati ma' l-idea li Għawdex hu dak li hu sewwa sew għaliex hu post mistrieħ, kalm, maqtugħ mill-għaġla tal-bliet Maltin.

Malta u Għawdex, żewġ gżejjer żgħar ħafna li jiffurmaw pajjiż wieħed, m'humiex maqtugħin biss minn xulxin bil-baħar li jifridhom iżda wkoll "imbiegħda" minħabba għadd ta' kwalitajiet li, jekk wieħed jistħarriġhom bir-reqqa taħt il-qoxra komuni tagħhom, isib li huma differenti. F'Għawdex għad hemm ħajja li f'Malta ma tinstabx. Dawk li huma problemi huma, fuq in-naħa l-oħra tal-munita, xejriet distintivi. Il-kultura taż-żewġ gżejjer hi waħda, l-isfumaturi jvarjaw, iż-żmien ma jgħaddix bl-istess ħeffa kullimkien, u l-imgħoddi baqa' jitlajja wisq aktar f'Għawdex milli f'Malta. Wieħed irid jistaqsi, u jixxejjer bejn żewġ naħiet kontra xulxin: il-fatt li Għawdex jidher maqtugħ minn Malta hu sintomu tal-problemi Għawdxin? Ukoll, jekk Għawdex isir parti integrali minn Malta, jibqa' dak li hu?

Xejriet differenti jidhru taħt dell jew ieħor. Ċerti aspetti ta' arkitettura, il-Malti mitħaddet, għadd ta' drawwiet, tabù li għadhom ħajjin, xi karatteristiċi tal-parrokkjaliżmu, il-pajsaġġ li baqa' bla mittiefes f'bosta naħiet, ix-xeħta raħlija li tikkaratterizza anki lill-belt ewlenija: dawn u ħwejjeġ oħrajn jagħtu lewn interessanti lil gżira ħiemda, imgħawma f'sura ta' trankwilità li donnha f'Malta għebet darba għal dejjem.

Taħt din id-diversità, madankollu, hemm lok għall-preġudizzju. Waqt li l-insularità trawwem jew iżżomm xejriet li fit-taħlit jistgħu jitbiddlu jew jispiċċaw, il-fatt li din l-insularità hija biss parti mill-insularità nazzjonali — ta' Malta u Għawdex f'daqqa — ifisser li fil-qalba tiegħu Għawdex hu Malti. Il-kulur raħli, il-bixra paċifika tiegħu għandhom mnejn ifissru li għex ħajtu għal rasu. Jekk Għawdex hux minsi jew le miċ-ċentru tal-pajjiż hu punt ta' dibattitu, u huma l-Għawdxin infushom li jistgħu jitħaddtu fuqu b'awtorità. Biex wieħed ikun paradossalment pożitiv jista' jgħid ukoll li aktarx kienet din it-traskuraġni vis-a-vis Għawdex li żammitu 'l bogħod minn ċerti tibdiliet li lil Malta ma jagħmlulhiex ġieh, fost l-oħrajn it-tniġġis ta' l-identità Maltija u d-dħul ta' identità falza jew artifiċjali mibnija fuq imitazzjoni bla maturazzjoni, kif ukoll il-qerda kważi sħiħa ta' pajsaġġ tassew sabiħ. Hu pajsaġġ tipiku li qiegħed jaqa' ħesrem taħt id-daqqiet tal-gaffa kapriċċuża ta' l-ispekulaturi u ħbiebhom li għalihom l-ewwel jiġu l-flus, imbagħad il-flus u fl-aħħar il-flus. L-Għawdxin għad iridu jiddeċiedu jekk iridux lill pajjiżhom isir hu wkoll ġemgħa ta' ġebel mibni, sikwit bi stil ikkupjat li ma jgħodd b'ebda mod mal-bixra lokali. Din id-daqqa tal-qerda, madankollu, tidher li bdiet diġà taħsad f'diversi bnadi ta' Għawdex ukoll, u malli jkun hemm min jintebaħ li l-flus iġibu l-flus, il-pajsaġġ Għawdxi jgħib ukoll, bl-istess daqqa kapriċċuża ta' l-istess gaffa kapriċċuża. Bħad-dell tax-xemx, il-bini jidher dieħel qajl qajl fuq il-pajsaġġ stupend ta' Għawdex. (ikompli paġna 5)

**For all plain paper copying call at the**
***RANK XEROX BUREAU***
*(opposite Lyceum)*
Business Hours:
**8.00 a.m. — 12.30 p.m.**
**3.00 p.m. — 6.30 p.m.**
**Saturdays: 8.00 a.m. — 12.00**

Ft ftit kliem, Għawdex qisu xi Malta ta' l-imgħoddi, maqbuda f'ritratti, xi Malta li għadhom ma skoprewhiex dawk li ilhom li skoprew lill-gżira l-kbira. Waqt li Għawdex hu parti minn Malta, hu wkoll maqtugħ minnha, tant li l-aspett li jiddistingwi lil uliedha l-iżjed hu l-emigrazzjoni. M'hix biss l-emigrazzjoni riflessa fl-ismijiet nostalġiċi, mimlija fidi, ta' għadd ta' djar, l-aktar fin-Nadur, iżda wkoll l-emigrazzjoni ġewwiena, minn Għawdex għal Malta. U hawn jidħlu dawk l-Għawdxin li taw sehem siewi ħafna lill-kultura nazzjonali wara li telqu minn Għawdex. Huma Għawdxin li bosta drabi l-biċċa l-kbira tan-nies ma jafuhomx bħala Għawdxin. Hemm bħal sorpriża, ma nafx għaliex,meta jissemma isem magħruf u mbagħad, bla mistenni, jingħad li hu Għawdxi. Il-kurżità li trid tinqata' hi għala dawk l-individwi, wara li edukaw ruħhom f'Malta jew barra, ma setgħux jibqgħu jew ma ridux jibqgħu Għawdex biex jiżvolġu s-sehem tagħhom fi ħdan il-komunità li trabbew fiha.

Mela s-sehem ewlieni li ħareġ sa issa mill-popolazzjoni sħiħa tagħna bħala nisel wieħed fih parti xierqa ta' sehem Għawdxi. U meta tqis il-popolazzjoni, tikkonkludi li l-perċentwali hi kumplimentuża ħafna. Dan jista' jingħad għal bosta oqsma, bħalma huma l-qasam ekkleżjastiku, letterarju, artistiku, politiku, edukativ u l-bqija. Dan l-aspett jista' joħroġ aħjar jekk jissemma aktar minn min hu konxju tiegħu, jiġifieri minn dawk il-ftit li jixtiequ jaraw lil Għawdex magħruf anki f'dawl differenti mid-dawl turistiku. B'dan il-mod tista' tonqos jew tibda tmut l-impressjoni ġenerali, u ħażina, li Għawdex hu biss belt sabiħa fin-naturalezza tagħha.

Minbarra s-sehem ta' l-integrazzjoni msemmija, hemm u jista' jkun hemm is-sehem differenti ta' l-insularità, ta' gżira ċkejkna li, għalkemm fil-qalba tagħha hi bħal Malta, għandha x-xejriet li jbegħduha minnha. Ma nistgħux nistennew differenzi kbar meta d-distanzi huma żgħar ħafna. Iżda l-ifrem distanzi huma aktar psikoloġiċi milli fiżiċi, u sforzi li jitnisslu fi ħdan dan it-tbegħid miċ-ċentru jistgħu jkollhom xejriet partikulari. Ngħidu aħna, fil-versi ta' Mary Meylak u Ġorġ Pisani, żewġ awturi li ma tbegħdux minn arthom, hemm elementi lingwistiċi (e.g. aspetti tal-pronunzja li jixirfu fir-rima) li jixhdu d-differenza, u hemm motivi ta' nebħa li jagħżluhom mill-problematika ta' awturi ta' Malta. Il-poeta li għanna bl-aħjar mod id-djalogu tan-natura, Anton Buttigieg, huwa Għawdxi, u anki meta ħalla 'l pajjiżu l-wirt ta' tfulitu baqa' jinħass, l-aktar fil-poeżija pajsaġġistika.

Jonqos żgur kuntatt akbar bejn iż-żewġ gżejjer fil-qasam kulturali. Bosta mill-ħidmiet imnedija f'Malta ma jaslux sa Għawdex u l-Għawdxi interessat jew ikollu jivvjaġġa bil-baħar jew ma jeħux sehem. Dan jista' jimplika li jridu jkunu l-Għawdxin infushom li, lil hinn minn kull konsiderazzjoni oħra, ifasslu porogramm ta' kultura li tasal sa għand kotra interessata, f'Għawdex **u** f'Malta. Hawn wieħed ma jridx iħallat l-idea ta' kultura popolari ma' kultura medjokri, kif qiegħed jingħad u jiġri sikwit f'Malta, iżda żgur li jista' jinstab il-pont li jgħaqqad lill-kwalità mal-livell medju ġenerali tal-kotra. L-għan għandu jkun li kulħadd jitla' ftit, u mhux li kulħadd jinżel ħafna.

Bidu ta' dan hemm diġà, u m'huwiex bidu żgħir. It-twaqqif ta' monument f'ġieh Ninu Cremona, bil-ħidma ta' l-għalliema u l-istudenti tal-Liċeo ta' Għawdex, it-twaqqif ta' monument lil De Soldanis u lil Laurent Ropa, l-istess twaqqif tal-Klabb Kotba Maltin minn Għawdxi, is-Sur Pawlu Mizzi, u ħidmiet oħrajn li ma nsemmihomx għaliex ma niftakarhomx, huma lkoll indikazzjoni tal-preżenza ħajja ta' Għawdex fil-mixja kulturali tal-pajjiż kollu.

Il-ġudizzju ta' l-istorja hu favur Għawdex, u l-preżent hu xhieda li l-katina ma nqatgħetx. Biex dan jitkompla trid tgħib il-mentalità ta' emigranti fost iż-żgħażagħ, u tissaħħaħ il-fiduċja tagħhom fl-imgħoddi ta' missirijiethom u fil-ġejjieni tagħhom. Biex jingħaraf l-imgħoddi jrid ikun studjat u mxandar; biex jinbena l-ġejjieni trid tinkiseb aktar il-kuxjenza li anki minn Għawdex stess jista' jingħata kontribut li jintlaħaq bla tbatija mill-komunità kollha ta' pajjiżna.




*Għeżież tfal,*

Kif intom? Malajr erġajna ltqajna. Nittamaw li kellkom Milied sabiħ. Illum se ngħidilkom storja qasira li minnha għandkom titgħallmu ħafna.

Tifel ta' xi għaxar snin intlaqat minn karozza waqt li kien qed jaqsam it-triq u korra sew. Tant weġġa' li dam ħafna l-isptar, u meta bagħtuh id-dar, kellu jdum ftit taż-żmien sewwa bilqiegħda fuq *"wheel chair"* sakemm seta' jerġa' jibda jimxi mill-ġdid.

Meta kien l-isptar, sħabu marru jarawh darba, iżda meta reġa' lura d-dar ħadd ma mar jarah. Dam kważi xahrejn ma jara lil sħabu tal-klassi. L-anqas ġiethom f'rashom li jmorru jarawh jew jagħtuh il-*homework*. Missieru kieku xtralu ħafna ġugarelli biex igħaddilu l-ħin u jferrħu, imma qalbu sewda kienet u sewda baqgħet. Il-ġugarelli li kellu ma kienux iferrħuh, ma kienux ikellmuh, ma kienux jirrakkuntawlu ġrajjiet li kienu jiġru fl-iskola, jew barra.

"Kos, kif ħadd minn sħabu ma tħajjar jiġi jarah!" qal il-missier lil martu. "Miskin, ilu ħafna waħdu, u billi aħna nkellmuh, tfal bħalu jkun irid biex jifraħ u jidħak!"

Żgur li sħabu kienu jmorru jarawk kieku kienu jafu kemm seħibhom kien qalbu sewda!

Issa intom, tfal, fittxu ftit fin-nahat ta' fejn toqogħdu u araw jekk tafux xi ħadd li huwa marid fit-tul jew inkapaċitat. Morru arawh u ferrħuh ftit. Mhux darba biss u tinsewh. Sibu ftit ħin imqar darba fil-ġimgħa, ħalli tferrħuh. Jekk ma tinqalgħux biex tirrakkuntawlu xi storja, ħudu ktieb interessanti u aqrawlu xi ħaġa li tferrħu u ddaħħku.

Il-Bambin iħallaskom ta' dan.

*Tatà*

**Iz-Ziju Peppi**

**Riżultat tal-Kompetizzjoni Numru 2**

L-aħjar kitba dwar x'rigal nixtieq għall-Milied u għaliex kienet ta' Maria Pia Pace, N.B., Sannat Road. Nitolbuha tiġbor ir-rigal mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kompetizzjoni Numru 3**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet u ibgħat t-tweġibiet sa nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar 1982 f'dan l-indirizz: IL-BELT VICTORIA, Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità, Victoria, Għawdex.

Il-mistoqsijiet huma dawn:

*a) Min pitter il-kwadru titulari tal-Parroċċa tagħna?*

*b) F'liema sena tpitter?*

*c) Fejn ġie restawrat ftit tas-snin ilu?*

***Offrew Donazzjoni ta £M1 għall-ispejjeż tar-Rivista***

Carmela Frendo, Carmela Cutajar, Can. S. Borg, Ġorġa Aquilina, Anton Grech, Louis Camilleri, Can. J. Scicluna, Ġużeppi Mercieca, Mgr. C. Sacco, Anton Pace (Malta), Joseph J. Caruana (Malta).

*Oħrajn offrew kontribuzzjoni ta' inqas minn lira u ta' dan nirringrazzjaw lilhom u lid-distributuri kollha għall-għajnuna tagħhom.*

## IL-QADDIS TAX-XAHAR

*31 ta' Jannar*

### SAN GIOVANNI BOSCO

***(1815-1888)***



San Giovanni Bosco twieled fis-16 ta' Awissu 1815 minn ġenituri fqar f'għorfa ta' Becchi, fil-Piemonte, l-Italja. Ordna saċerdot fil-5 ta' Ġunju 1841 u ma damx ma sab il-vokazzjoni tiegħu. Qatagħha li jikkonsagra ħajtu għall-edukazzjoni ċivili u morali ta' dawn l-imsejkna. Fil-festa ta' l-Immakulata (1841) waqt li Don Bosco kien qed jilbes għall-quddiesa sema' lis-sagristan ikeċċi tifel. Don Bosco sejjaħ lit-tifel, Bartolomeo Garelli, u għamel ħabib miegħu.

Din, nistgħu ngħidu li kienet iż-żerriegħa ta' l-"Oratorju" li Don Bosco waqqaf fil-knisja ta' San Franġisk. L-opra tiegħu qabżet il-muntanji u qasmet l-oċejan: oratorji, kulleġġi u skejjel bdew jitferrxu f'bosta pajjiżi — għelieqi tal-Mulej bla għadd imsoqqija bil-għaraq tal-membri ta' dik il-familja kbira Sależjana, li l-qalb ta' Don Bosco kienet ħolqot.

Dan l-edukatur kbir miet fil-31 ta' Jannar 1888, iżda s-Soċjetà Sależjana minnu mwaqqfa hi mafkar dejjiemi li tixhed ħidmietu u egħmilu fost iż-żgħażagħ li hu tant ħabb.



## IL-KOPPLA TAL-BAŻILKA

*It-Tielet Kwadru*

**'Vincenti Dabo Edere de Ligno Vita'**
**Lil min jirbaħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-Ħajja**

Is-siġra tal-ħajja, kif jaħsbu bosta, kienet imżejna b'virtù misterjuża, biex iżżomm il-bniedem dejjem b'saħħtu imbiegħed mill-mewt u mill-mard.

Il-frott tas-siġra tal-ħajja ifisser il-frott tal-Fidwa li ġiet kompluta fuq is-salib. Dan il-frott fid-dinja hu l-Grazzja, li tagħti lir-ruħ il-ħajja sopranaturali; fis-sema hu l-Glorja li tagħti l-Ħajja Eterna. Għalhekk lil min jirbaħ Ġesù jwiegħdu l-ħajja tal-Grazzja fid-dinja u t-tgawdija eterna fis-sema.

San Ġorġ ukoll kien imżejjen bil-grazzja f'din id-dinja u wara l-ħajja tiegħu f'din l-art qed igawdi l-Grazzja fil-Ħajja Eterna.




Bank of Valletta Limited, Malta
Branches throughout Malta & Gozo
**Our business is your business.**

Why carry money about with you when you can pay through your bank account without any fuss or risk.

Open a current account with the Bank of Valletta. It will help you make payments safely and smoothly.
There are no ledger fees with Bank of Valletta current accounts, but you do get a fast service and a ready smile.
Call on any of our branches throughout Malta and Gozo, and we'll make life easier for you.

## INSELLMU LILL-MONS. MIKIEL CEFAI, *Vigarju Ġenerali*


*Mons. Arċipriet M. Cefai jidher ibewwes idejh fi tmiem festa f'ġiehu f'għeluq it-80 sena tiegħu, nhar l-Erbgħa 29 ta' Sett. 1971.*

Mons. Mikiel Cefai, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex miet fl-età ta' 90 sena nhar it-Tlieta 1 ta' Diċembru 1981.

Bil-mewt ta' Mons. Cefai l-Knisja Għawdxija tilfet kolonna, waħda mill-ikbar kolonni li qatt dehru sal-lum fid-djoċesi ta' Malta u Għawdex.

Meta kien għadu student fil-filosofija u fit-teoloġija, kien dejjem l-ewwel fost sħabu. Bħala saċerdot żagħżugħ fil-Parroċċa tal-Qala fejn twieled, kien dejjem meqjus fi kliemu u f'egħmilu, mehdi biss fis-servizz tal-knisja u fl-istudju tax-xjenzi ekkleżjastiċi. Bħala mexxej spiritwali tal-kjeriċi fis-Seminarju u konfessur assidwu tal-komunitajiet reliġjużi, predikatur mill-aqwa fuq il-pulpti ta' Malta u Għawdex, bil-kelma għaqlija tiegħu kien iqanqal u jsaħħah is-semmiegħa kollha tiegħu.

Kien Professur tal-Filosofija u tat-Teoloġija Morali b'kapaċità rari ta' dak it-tagħlim li kien jagħti minn fuq il-katedra. Kien ukoll eżaminatur sinodali u pro-sinodali tal-kleru, delegat ta' l-Isqof fid-Djoċesi, bosta drabi Locum Tenens, u dawn l-aħħar snin Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi. Sebgħa u sittin sena ta' ħajja saċerdotali.

Alla għamlu tassew kolonna fit-Tempju Tiegħu, u Mons. Cefai wieżnu u sebbaħ it-Tempju ta' Alla. Niftakru 35 sena ilu meta ngħata f'idejh it-treġija taż-żewġ parroċċi tal-Belt Victoria u Mons. Cefai dlonk deher il-bniedem mibgħut minn Alla. Fit-twettieq ta' dmirijietu ħaddem dawk l-għodod li sann fl-isbaħ snin ta' tfulitu u ta' żgħożitu: ħila kbira ta' moħħ, ta' qalb, ta' ħeġġa, ta' rieda, ta' dehen, ta' qlubija, ta' ġenerożita. U għani b'dawn is-setgħat kollha, Mons. Cefai firex il-qlugħ u qata' l-barra qatiegħ fuq il-ħalel ta' baħar li fih isib ruħu u li fih jgħum kull rgħaj spiritwali skond il-qalb ta' Alla. B'ħidma li ma tagħrafx serħan u b'ħeġġa dejjem ġdida, fittex biss u dejjem il-ġid spiritwali ta' uliedu. L-artal, il-konfessjonarju, il-pulptu, il-kor, id-dar, il-parroċċa, kienu l-provinċja li fiha feraħ u ferrieħ matul is-snin kien jimraħ għaqli u bieżel is-siegħat kollha tal-ġurnata, għatxan ta' l-erwieħ fdati f'idejh.

Il-parroċċa Bażilika ta' San Ġorġ, minn fejn Mons. Cefai wettaq il-ħidma pastorali tiegħu tul 35 sena ta' parrokat, tfakkar għal dejjem il-ħidma, il-ħeġġa, il-ġenerożità tiegġu. Mons. Cefai ħadem biex isebbaħ dan it-tempju Ġorġjan bil-pittura tal-magħruf artist Taljan Gian Battista Conti. Feraħ meta ra din il-Parroċċa għażiża tiegħu tiżżejjen bit-titlu ta' Bażilika u wara mgħollij agħad Dinjità ta' Kolleġġjata. Dejjem l-ewwel kull fejn u kull meta kien hemm fin-nofs l-unur u l-ġieħ tal-Parroċċa.

Għalhekk il-Parroċċa ta' San Ġorġ kitbet b'ittri tad-deheb fil-paġni ta' ġrajjietha l-isem ta' Mons. Mikiel Cefai biex dejjem jitfakkar u qatt ma jintesa.

***Mons. Arċipriet E. Mercieca Prot. Ap.***


# A.V. BARTOLI & SONS LTD.

*THE NAME FOR ALL YOUR TRAVEL AND INSURANCE REQUIREMENTS*

Air, Sea & Rail Tickets, Air Freight & Sea Freight, Shipping & Forwarding

*Insurance:*

Travel, Motor, Factories, Shops, Burglary, Fire & Personal Belongings.

***A.V. BARTOLI & SONS LTD., NEW BUILDING, REPUBLIC STR***

***VICTORIA - GOZO. TEL: 556446.***



**A. & M. Printing Ltd., Qala, Gozo. Tel: 556071, 551488.**